SAN LAWRENZ

Il-minuti tas-sitta u ghoxrin laqgha li nzammet nhar l-Erbgha 10 ta' Lulju 2013 fit-8:00 ta' filghodu fl-ufficju tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Anthony Formosa |
| Vici Sindku: | Anthony Cassar |
| Kunsilliera: | Michelina Mercieca |
| | John Mercieca |
| | Rose Vella |
| Segretarju Ezekuttiv: | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**2.0 Laqgħa b'Urgenza. Għeluq ta' Triq l-Wileġ.**

2.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li huwa sejjaħ laqgħa b'urgenza peress li l-Kunsillier John Mercieca flimkien mal-Uffiċjal tad-Dipartiment tat-Toroq Laurie Apap taw direttivi lil Kuntrattur Joe Grima sabiex jiftaħ Trejqet l-10 t'Awwissu, għat-traffiku għal gol-pjazza meta din għad fadal postijiet li huma ta' periklu għat-traffiku. Is-Sindku ndirizza lil kunsillier Mercieca li din kienet diga it-tieni darba tiegħu li qabez lil Kunsill billa ħa deċizzjonijiet mingħajr konsultazzjoni miegħu. Is-Sindku ddikjara li dawn huma affarijiet serji u li huwa ser jirraporta b'dawn il-kaziijiet lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali.

2.2 Il-Kunsillier John Mercieca semma li l-intenzjoni tiegħu kienet li tinstab rotta alternattiva biex jimxi t-traffiku u ma jkunx hawn tgergir.

2.3 Is-Sindku semma li huwa mhux lest li jerfa r-responsabilita jekk iweġġa xi ħadd.

2.4 Dak il-ħin ġie kkuntatjat il-kuntrattur Joe Grima u huwa ddikjara quddiem il-kunsilliera li huwa mhux lest li jassorbi r-responsabilita jekk issir xi ħsara jew xi nċident.

2.5 Ġie kkuntatjat ukoll il-Perit tal-proġett, Edward Scerri u huwa kkonferma li jekk il-konkos jingħata llum anke sa wara nofsinhar, il-Ġimgħa filgħodu tkun tista tinfetaħ għal-'light' vehicles biss. Għal heavy traffic tkun tista tinfetaħ it-Tnejn.

2.6 Il-Kunsill qabel li ghandu jimxi mad-direttivi tal-Perit.

*Anthony Formosa*
*Sindku*

*Lucienne Haber*
*Segretarju Ezekuttiv*